Minuti tal-Laqgħa Nru. 12 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Il-Gżira li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 283/1, Triq d' Argens, Il-Gżira, nhar it-Tlieta, 1 ta' Diċembru 2015 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. Conrad Borg Manche |
| Viċi Sindku | Is-Sur. Ralph Mangion |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Joe Galea<br>Is-Sra. Graziella Schembri<br>Is-Sur. Neville Chetcuti<br>Is-Sur. Wayne Hewitt<br>Is-Sur. Jeremy Cardona |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-minuti
3. Korrispondenza
4. Progress
5. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
6. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Kunsillier Cardona semma li fuq punt 3.13, it-Triq hija St. Albert.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MIL-MINUTI

**Bilboards**

2.1 Il-Kunsillier Galea saqsa kif konna bqajna fuq tal-Bilboards. Is-Sindku semma li huwa kien kellem lil-avukat fejn dan qallu li la l-Kunsill ma kienx ta permess allura nistgħu nkellmu lill-MEPA biex huma jieħdu azzjoni.

2.2 Il-Kunsillier Hewitt semma biex filkaz infittxuh peress li dawn huma flus dovuti lill-Kunsill Lokali.

**Ħamiem**

2.3 Il-Kunsillier Chetcuti saqsa kif bqajna fuq il-ħamiem. Is-Sindku semma li konna ikkuntattjajna lill minn jikkontrollahom u ssuġġerrixxa biex qabel ma ssir dil-ħaġa inkellmu lil dawk li jrabbuhom.

2.4 Il-Kunsillier Cardona semma li l-aktar li hemm ħamiem fejn hemm il-Ġnien u l-Front. Is-Segretarju semma li huwa se jkun qed jikkordina ma dan tal-ħamiem.

**Il-Viċi Sindku wasal għall laqgħa fis-6.17 pm.**

## 3.0 KORRISPONDENZA

**Attivita Kulturali**

3.1 Is-Sindku semma li bħalissa qed jintrama d-dawl tal-Milied u jsiru l-arbli.

3.2 Il-Kunsillier Galea semma li huwa beħsiebu li għal anzjani se jorganiżża talk u jfakkar lil dawk li jagħlqu sninhom. Il-Kunsilliera Schembri qalet li hija tixtieq tikkombina l-attivita li kien hemm ippjanati għall persuni b' diżabilita ma dik tal-anzjani biex dawn iħossuhom aktar inklużi.

3.3 Il-Kunsilliera Schermbri qalet li għall matul dan iż-żmien tista issir attivita fuq ġewwa billi ma tantx għad fadal żmien u s-sena d-dieħla ssir xi ħaġa fuq barra għall dawn il-persuni b' diżbilita.

3.4 Il-Kunsillier Galea qal li huwa jaqbel mal-fatt li dawn ikunu aktar inklużi imma jista jkun hemm xi limitazzjonijiet. Il-Kunsilliera Schembri qalet li nistgħu anki nikkordinaw m' entitajiet oħra biex nikkordinaw attivitajiet sportivi wkoll u anki ninkluduhom m' entitajiet oħra. Il-Kunsilliera Schembri qalet li tixtieq li jkun hemm Kumitat apposta għalihom.

**Skema Attivitajiet Kulturali**

3.5 Is-Sindku semma li huwa kien tkellem ma Kunsilli oħra fil-madwar biex isiru attivitajiet kulturali fuq skala kbira.

3.6 Is-Sindku semma li għall iskema li kien hemm minn naħa tad-Dipartiment fuq l-attivitajiet kulturali huwa kien lesta applikazzjoni biex għall żmien Novembru tas-sena d-dieħla ikun hemm attivita bit-tema marittima. Huwa kien tkellem mas-Sur. Magro Conti fejn dan kien qallu li se jkun hemm il-koperazzjoni tal-Mużew Marittimu biex din issir. Is-Sindku semma li għall din l-okkażżjoni anki nistgħu nuru kif isir il-bini tad-dgħajjes u nqajjmu kultura li ma tantx hija magħrufa.

3.7 Is-Sindku semma li għat tieni applikazzjoni kien hemm l-idea li ssir attivita marbuta mat-tema sportiva li għaliha l-Gżira hija magħrufa ħafna. Permezz ta din l-attivita tista tinkiteb l-istorja tal-Gżira. Huwa kien tkellem mas-Sur. Ronald Cuschieri fejn dan jista jgħin fil-qasam tal-futbol. Is-Sindku qal li ġewwa l-Gżira kien hemm diversi nies li bqgħu imsemmija fi sports differenti u li għall din l-attivita jistgħu jsiru intervisiti li jkunu recorded apposta u filmed.

**Sotto Kumitati**

3.8 Is-Sindku semma li hemm bżonn li jkun hemm Sotto Kumitat li jiddiskuti l-qasam kulturali. Huwa semma lista ta nies li l-Kunsill Lokali approva. Qabel is-Sindku għalaq fuq dan is-Sotto Kumitat huwa saqsa lill-Kunsilliera jekk kinux jafu b' xi nies oħra li jkunu adatatti għal dan is-Sotto Kumitat.

3.9 Is-Sindku semma li hemm bżonn li jkun hemm Sotto Kumitat ieħor li jirrappreżenta lill-Għaqdiet. Is-Sindku semma liem huma dawk l-Għaqdiet li hemm ġewwa l-lokal li jistgħu jkunu f' dan is-Sotto Kumitat. Il-Kunsilliera qablu magħhom.

3.10 Is-Sindku issuġġerrixxa li nistgħu navviċinaw l-entitajiet kummerċjali li hawn ġewwa l-Gżira biex nitolbuhom jikkontribwixxu lejn il-ġid tal-lokalita. Huwa qal li dawn jistgħu jgħinu biex jqajjmu kuxxjenza.

3.11 Il-Kunsillier Cardona semma jekk nistgħux nġibu lista tal-barranin li hawn residenti ġewwa l-Gżira mingħand l-Ambaxxati, biex inkunu nistgħu navviċinawhom b' mod effettiv. Huwa qal li b' hekk inkunu nistgħu naraw il-kapaċitajiet tagħhom u fiex jistgħu jagħtu sehem lill-Kunsill.

**Xogħolijiet u lmenti**

3.12 Il-Kunsillier Cardona qal li t-tappiera li hemm fejn il-Milano Due li din kompliet iggravat. Is-Sindku semma li din setgħet saret minn sid il-lukanda. Huwa ssuġġerrixxa biex nsibu minn huwa sid il-lukanda u nagħmlu kuntatt miegħu.

**Librerija**

3.13 Il-Kunsillier Cardona saqsa kif bqajna rigward ix-xogħolijiet tal-librerija. Is-Sindku qal li huwa kien iltaqa mas-CEO tal-FTS biex jiddiskutu aħjar x' xogħol hemm bżonn isir. Huwa qal li meta se jitkellem mal-Perit fuq il-proġett tax-Xatt se jkellmu ukoll rigward il-librerija.

3.14 Il-Kunsillier Galea semma li kien hemm pjanijiet biex meta jinqala l-ground isir proġett sħiħ hemhekk.

**Lezzjonijiet ġewwa d-Daycentre**

3.15 Il-Kunsillier Chetcuti semma li l-problema biex isir il-kors tal-cooking mhux biex jinxtara l-cooker, imma peress li l-Kunsill ma jafx kemm qed jattendu nies għall dan il-kors.

3.16 Il-Kunsillier Galea semma li idealment inkellmu lill minn qed jagħmel dawn il-korsijiet biex naraw hija x' għandha f' moħħha.

3.17 Is-Segretarju semma li l-aħjar li tibda tittieħed attendenza biex anki l-Kunsill ikun jaf kemm qed jattendu nies u jkun jista jippjana aħjar.

**Il-Kunsilliera Schembri u l-Kunsillier Hewitt avżaw lis-Sindku biex jiskużahom fis-7.30 pm.**

**4 PROGRESS**

**Traffic Management**

4.1 Il-Viċi Sindku saqsa kif konna bqajna fuq il-kwistjoni tal-permessi. Is-Sindku semma li nistgħu nżommu persuna apposta fuqhom biex tiċċekkja u tivverifika max-xogħolijiet li qed isiru.

4.2 Is-Sindku qal lill-Kunsillier Galea biex jiltaqgħu flimkien u jiddiskutu dan is-suġġett biex b' hekk ikunu jistgħu jfasslu aħjar kif għandha issir sistema.

4.3 Is-Sindku semma li għall dan iż-żmien tal-Milied ma jkunx hemm permessi bejn il-21 ta' Diċembru u l-4 ta' Jannar.

**Tenders**

4.4 Il-Kunsillier Hewitt semma li huwa kien tkellem rigward it-tenders u talab li dawn ikunu diskussi u naraw f' liema stat huma. Dawn kienu t-tender tal-knies, tal-ġbir tal-iskart, road maintenance u street lighting.

4.5 Is-Segretarju ressaq żewġ kopji ta draft tenders għall supply ta tarmac u materjali għax-xogħolijiet fit-toroq.

4.6 Is-Sindku semma li huwa kien tkellem mal-avukat kif ukoll mal-awditur fuq il-każ tat-tender tal-ġbir tal-iskart imħallat billi ma kienx instab il-kuntratt fejn dawn it-tnejn infurmawh li kif inhi s-sitwazzjoni jista jsir kuntratt ġdid.

4.7 Is-Sindku saqsa lill-Kunsillier Chetcuti jekk il-kuntrattur tal-knies kienx qed iżomm ir-rotta. Huwa irrisponda li meta qed immur jiċċekkja jsib li x-xogħol verament qed isir.

4.8 Il-Kunsillier Hewitt saqsa kif konna bqajna fuq it-tender tal-knies. Is-Sindku semma li huwa kien bagħat lill Onor. Sefan Buontempo biex jara rigward id-devoluzzjoni fejn dan kien talbu biex isir meeting. Is-Sindku qal li huwa se jerġa jfakkru u jagħti ċans ġimgħa għall risposta biex jekk ma jkunx hemm risposta jerġa jinħareġ it-tender mill-ġdid. Il-Kunsillier Hewitt semma li minn jintgħażel irid ikollu mechanical sweeper available.

4.9 Is-Segretarju semma li kien hemm quotation biex isir scanning ta dokumenti minn Maltapost. Huwa qal li kien hemm kwotazzjoni waħda.

4.10 Is-Segretarju semma li huwa kien se jikkordina mal-Perit biex isir it-tender għar road marking paint.

**Ħaddiema tal-Kunsill**

4.11 Is-Sindku semma li huwa kien tkellem ma Segretarju Eżekuttiv ieħor rigward il-każ ta' Marion biex hija terġa tiġi integrata fil-Kunsill, huwa se jkun qed jistenna risposta. Minn hawn imbagħad ikun f' pożizzjoni aħjar biex ikellem lid-Direttur.

4.12 Is-Sindku semma li Denise Vella kienu kellmuha flimkien mas-Segretarju. Huma kienu sabu diversi nuqqasijiet fejn din ma kinitx qed taqbel fil-flus tal-permessi u kienu irċevew ittri mill-HSBC li kien hemm żbilanċi. Is-Segretarju semma li meta huma kienu kellmuha dawn sabu li hija fir-records ma kinitx qed iddaħħal l-irċevuti f' sekwenza.

4.12 Il-Kunsillier Galea semma li huwa meta kien qed ikun il-Kunsill kien qed jinnotta li ddum f' xogħolha u anki kolleġi oħra kellhom jgħinuha. Huwa qal li anki raha tgħid lill xi nies biex jmorru jagħmlu l-qadi u jiġu jiġbru l-permess ħin ieħor.

4.13 Is-Segretarju semma li huma kienu wissewha fuq dawn in-nuqqasijiet sabiex din tirranġa, għalhekk se jingħatalha l-aħħar ċans

4.14 Is-Segretarju semma li huwa kien ġab l-approvazzjoni mid-Dipartiment biex terġa tinħareġ is-sejħa għall skala 15.

**Website**

4.15 Is-Sindku qal lill-Kunsillier Hewitt li Fabian kien kważi lesta l-website. Huwa qal lill-Kunsilliera li jridu jibdew ilestu kontribuzzjonijiet biex dawn imorru fuq il-webiste u b' hekk din dejjem tkun aġġornata.

**Użu tas-Sala**

4.16 Il-Kunsilliera Schembri qalet li kien hemm persuna Griega li saqsietha xi trid tagħmel biex ikollu possibilta li tuża s-Sala. Is-Sindku qallha li qabel irridu niltaqgħu ma din il-persuna biex naraw x' inhuma l-pjanijiet.

**Ikla tal-Milied**

4.17 Is-Sindku semma li għall matul iż-żmien tal-Milied nagħmlu xi ikla bejnietna. Huwa semma li rridu nimxu skont Memo 22/2010 u ssuġġerrixxa biex imorru nieħdu xi ħaġa mill-clubhouse. Huwa semma li din tista issir fl-10 ta' Diċembru.

**Fondi tal-UIF**

4.18 Is-Sindku semma li matul il-ġurnata t' għada kien se jsir l-iffirmar mal-MEPA tal-kuntratt dwar il-fondi tal-UIF fuq il-proġett tax-Xatt.

**Tournament tal-futbol**

4.19 Il-Viċi Sindku semma li kien qed isir kordinament tajjeb fuq it-tournament tal-futbol għall karita. Huwa semma li sab koperazzjoni tajba mis-Sur. Charlo Pace u anki offra li jintuża l-ground meta jkun hemm bżonn. Huwa kompla jagħti dettalji ta kif kien se jsir it-tournament.

## 5 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

5.1 Il-Kunsilliera talbu biex il-pagamenti dovuti lil-Koptasin u JK ikun verifikati bħala xogħolijiet li saru qabel ma jinħareġ il-pagament fuqhom.

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar it-Tlieta 1 ta' Diċembru 2015 fit-8.20 pm. Kien hemm il-perjodu ta tlett ġimgħat propost għall laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ______________________ 2015.

Conrad Borg Manché
Sindku

Michael Portelli
Aġent Segretarju Eżekuttiv